MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 700/2000/1

**L-Onorevoli Imhallef Dottor Alberto Magri B.A., LL.D., Alessandro sive Sandro Magri u Renato Magri.**

**vs.**

**1. Benny's Antiques Limited.**

**2. Mariella Borg Magri, legalment separata u divorzjata.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma ko-proprjetarji fi kwoti indaqs bejniethom flimkien ma ohthom il-konvenuta Mariella Borg Magri ta' effetti mobbli konsistenti f'ghamara, pitturi, porcellana,

ceramika, kotba, tapiti, linef u kull xorta' ohra ta' *furnishings* u *fittings* li kien hemm fil-fond Villino Ardenza, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex, provenjenti lilhom mill-wirt tal-genituri taghhom l-Imhallef Edoardo Magri u Gladys nee` Muscat, li kienu jabitaw fl-isemmi fond;

Illi *ad insaputa* tal-atturi u kontra l-volonta` taghhom, u abbusivament u illegalment, il-konvenuta Mariella Borg Magri, aspertat u approprjat ghaliha, kif ukoll bieghet jew ikkonsenjat taht xi titolu iehor biex tbieghom ghan-nom taghha lis-socjeta` konvenuta l-ohra Benny's Antinques Limited, diversi oggeti ohra mobbli kif irrizulta lill-atturi meta huma attendew espozizzjoni ta' *antiques* fil-Hotel Corinthia, Attard, fit-2 t'April 2000, u kif sejjer jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi kif stqarr dirigent tas-socjeta` konvenuta din kien ilha zmien twil tixtri effetti mobbli artistici u ta' certu valur minghand il-konvenuta l-ohra Mariella Borg Magri, minghajr ma indagat il-provenjenza u t-titolu legali tal-istess oggetti f'cirkostanzi meta kien zgur mistenni minnha li taghmel dan billi kien altru milli ovvju li dawn l-effetti kienu provenjenti minn wirt u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kienet u ghadha possessur *in mala fede* tal-imsemmija oggetti;

Illi l-atturi biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom ta' ko-proprjetarji ottjenew il-hrug ta' mandati t'inibizzjoni numru 1113/00 kontra l-konvenuta Mariella Borg Magri u numru 1114/00 kontra s-socjeta` konvenuta fit-3 ta' April 2000 biex izommuhom milli jirrimwovu, jesportaw, inehhu jew ibieghu jew jittrasferixxu taht kull titolu lil terzi l-effetti mobbli li kienu jinsabu gol-Villa imsemmija;

Illi l-konvenuta Mariella Borg Magri hija tenuta li trodd lura l-oggetti kollha li hija asportat minn Villino Ardenza, Sir A Bartolo Street, Ta' Xbiex kif ukoll li trodd lura lill-atturi sehemhom mill-valur tal-effetti mobbli li hija ddisponiet minnhom favur terzi u dan ghat-tenur ta' l-**artikolu 552 tal-Kodici Civili;**

Illi s-socjeta` konvenuta bhala possessur *in mala fede* tal-imsemmija oggetti ghandha l-obbligi kontemplati fl-**artikolu 556 u 557 tal-Kodici Civili;**

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenuti jew min minnhom jghidu skond il-kaz, ghaliex prevja okkorrendo:-

1. Id-dikjarazzjoni li kull oggett mobbli li gie asportat jew approprjat mill-konvenuta Mariella Borg Magri minn Villino Ardenza, Sir A Bartolo Street, Ta' Xbiex, gie hekk asportat u appropjat abbuzivament u illegalment minnha u kif ukoll li l-effetti mobbli mibjugha jew kull titolu iehor kwalsiasi konsenjati mill-istess konvenuta lis-socjeta` konvenuta Benny's Antiques Limited gew mill-istess socjeta` ricevuti *in mala fede*, ghax huma ko-proprjeta` tal-atturi, *sia pure* flimkien mal-konvenuta Mariella Borg Magri fi kwoti ta' kwart (1/4) kull wiehed u wahda minnhom u c-cirkostanzi kienu tali li jinnecessitaw indagni dwar provenjenza mis-socjeta` konvenuta qabel ma akkwistawhom jew indahlet biex tbieghom ghan-nom tal-konvenuta l-ohra.

2. Ghaliex konsegwentement m'ghandiex il-konvenuta Mariella Borg Magri tigi kkundannata biex fi zmien qasir u perentorju tirritorna l-oggetti ta' ghamara kollha li kienu jinsabu go Villino Ardenza, Sir A Bartolo Street, Ta' Xbieb u li ghadhom fil-pussess taghha;

3. Ghaliex, in difett li taghmel dan, m'ghandiex l-istess konvenuta Mariella Borg Magri tigi kkundannata li trodd lill-atturi sehemhom mill-valur tal-hwejjeg mobbli li hija ddisponiet minnhom appartenti lill-wirt komuni fuq imsemmi u dan ghat-tenur tal-**artikolu 552 tal-Kodici Civili**, flimkien mal-imghax legali;

4. Ghaliex m'ghandhiex is-socjeta` konvenuta Benny's Antiques Limited tigi kkundannata li fi zmien qasir u perentorju, trodd lura l-effetti kollha mobbli li jinsabu fil-pussess taghha u dan ghat-tenur tal-**artikolu 556 (1),** bhala possessura *in mala fede*.

5. Ghaliex l-istess socjeta` konvenuta, kemm-il darba ma baqghetx tippossjedi xi wahda minn dawk l-effetti mobbli fuq imsemmija, minn rajja jew bi htija taghha, m'ghandiex tigi kundannata li trodd lura lill-atturi sehemhom mill-profitt li hi ghamlet mill-bejgh jew trasferiment tal-oggeti msemmija, jew li thallas lill-atturi sehemhom mill-valur tal-oggetti li m'ghadhomx fil-pussess taghha fiz-zmien tat-talba jew tal-valur taghhom fiz-zmien meta ma baqghetx tippossjedihom, skond liema jkun l-akbar u dan ghat-tenur tal-**artikolu 556 (2) tal-Kodici Civili**; u dan flimkien mal-imghax legali.

6. Ghaliex l-istess socjeta` konvenuta, bhala possessura *in mala fede* m'ghandiex tigi dikjarata responsabbli ukoll ghall-hsarat kollha li graw b'eghmilha, kif ukoll dawk li graw b'accident, fl-imsemmija oggetti mobbli tal-wirt komuni;

7. Ghaliex dawn il-hsarat m'ghandhomx jigu likwidati, minn din il-Qorti okkorrento bl-opera ta' periti nominandi;

8. Ghaliex is-socjeta` konvenuta m'ghandiex tigi kundannata li thallas lill-atturi sehemhom minn dawn id-danni u hsarat li jigu hekk likwidati flimkien mal-imghax legali.

9. Ghaliex din il-Qorti m'ghandiex tikkonferma il-mandati ta' inibizzjoni numri 1113/00 u 1114/00 mahruga rispettivament fit-3 t'April 2000 rispettivament kontra l-konvenuta Mariella Borg Magri u Benny's Antiques Limited.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk taz-zewg mandati ta' inibizzjoni numri 1113/00 u 1114/00 kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol. 9 tal-process fejn eccepiet illi:-

1 Preliminarjarnent, ic-citazzjoni ma tiddeskrivix b'mod car l-oggetti pretizi mill-atturi, u l-esponenti ma jistax jidentifika dawn l-oggetti billi dawn gew deskritti b'referenza ghal provenjenza li dwarha l-istess socjeta` attrici ma ghandhiex konoxxenza.

2. Illi f'kull kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-socjeta` konvenuta xtrat *in buona fede* xi oggetti ta' antikita minghand il-konvenuta Mariella Borg Magri bil-hsieb li tbieghom fil-kors normali tan-negozju, flimkien ma' oggetti ohra tal-antikita, u effettivament uhud minn dawn l-oggetti diga gew mibjugha. Illi s-socjeta` attrici qatt ma kellha ghalfejn tiddubita t-titolu tal-istess konvenuta Mariella Borg Magri u infatti saret taf ghall-ewwel darba bil-pretensjonijiet tal-atturi ferm wara li kienet xtrat dawn l-oggetti.

3. Illi f'kull kaz is-socjeta` attrici tissoleva l-eccezzjoni tal-pussessur *in buona fede* fuq hwejjeg mobbli *ai termini* tal-**artikolu 558 tal-Kodici Civili** *stante* illi l-imsemmija mobbli gew posseduti *animo domini* minnha wara li din xtrathom b'titolu oneruz minn persuna li sa fejn kienet taf l-istess socjeta` hija sid dik il-haga.

4. Illi in kwantu ghat-talba ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1114/2000 din ma tistax tigi milqugha peress illi l-oggetti milquta minnhom huma deskritti b'mod generiku u minghajr ebda precizzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.10 *et seq* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 2000;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 18 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi l-atturi ghandhom fl-ewwel lok jidentifikaw l-oggetti li ghalihom qeghdin jalludu fl-att tac-citazzjoni li pprezentaw.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjenti ma ddisponiet minn ebda oggett li jifforma parti mill-wirt tal-genituri tal-kontendenti.

3. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-eccipjenti m'ghandhiex fil-pussess taghha oggetti li jifformaw parti mill-wirt tal-genituri tal-kontendenti.

4. Illi t-talba numru disa' (9) m'hijiex legalment proponibbli peress li ma jistax jintalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni b'mod indefenit. Inoltre din it-talba in kwantu tirreferi ghall-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1113/00, diga' hija l-meritu tal-kawza fl-ismijiet **"L-Onorevoli Imhallef Dottor Alberto Magri et vs Mariella Borg Magri"** (Citaz. Nru: 701/2000) u f'liema proceduri saret talba identika.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol.19 *et seq* tal-process;

Rat il-kontro-talba mressqa mill-istess konvenuta a fol.21 tal-process fejn ippremettiet:-

Illi l-kontendenti huma wlied l-Imhallef Edoardo Magri li miet fl-14 ta' Ottubru 1998 u Galdys Magri li mietet fil-31 ta' Mejju 1998;

Illi l-kontendenti huma l-eredi tal-genituri taghhom f'sehem ugwali bejniethom;

Illi fil-wirt tal-genituri hemm ukoll oggetti prezzjuzi li kienu jinsab gewwa Villa Ardenza, 20, Triq Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex u li ttiehdu minn hemmhekk mill-atturi. Tant hu hekk li permezz ta' ittra ufficjali bid-data tas-27 ta' Mejju 1998 l-atturi ddikjaraw li *"huma hargu effetti u hwejjeg prezzjuzi mill-villa "* (Dok. MBM 1);

Illi sal-gurnata tal-lum dawn l-oggetti (li minnhom l-attrici ghandha sehem indiviz ta' kwart) ghadhom fil-pussess ta' l-atturi;

Illi l-istess konvenuta ghalhekk talbet li l-atturi jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi u prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

1. Tikkundanna lill-atturi sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti jaghtu rendikont ta' l-oggetti prezzjuzi li hadu minn gewwa Villa Ardenza, 20, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex;

2. Tahtar sekwestratarju gudizzjarju sabiex jiehu l-kustodja ta' dawn l-oggetti sakemm issir il-qasma tal-wirt bejn il-kontendenti;

3. Tikkundanna lill-atturi sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti huma jikkunsinjaw lis-sekwestratarju gudizzjarju l-oggetti prezzjuzi kollha li hadu minn gewwa Villa Ardenza, 20, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex;

4. Tordna l-hrug ta' mandat *in factum* kontra l-atturi f'kaz li jonqsu milli jottemperaw ruhhom mat-tielet talba.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 22 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2000;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 28 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari n-nullita` w irritwalita` tal-kontro-talba billi t-talbiet fiha kontenuti ma ghandhom x'jaqsmu xejn mat-talbiet attrici kontenuti fic-citazzjoni.

2. Illi subordintament u fil-mertu, it-talbiet tal-konvenuta huma nsostenibbli ghax bazati fuq fatti foloz u inveredici kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi *di fatti* l-oggetti prezzjuzi li nhargu mill-Villino Ardenza nhargu fuq ordni tal-Onor. Imhallef Edoardo Magri, missier il-kontendenti tul hajtu u fuq ordni tieghu tpoggew fil-Bank of Valletta f'*safety deposit* biex ma jinsterqux mill-villa peress li hu kien rikoverat f'istituzzjoni ghall-anzjani u ghalhekk dawn mhux fil-pussess tal-eccipjenti u ma ghandhom ebda obbligu li jaghtu rendikont dwarhom, ghalkemm huma propensi li jindikaw il-Bank fejn jinsabu u jikkoperaw biex dawn jigu rilaxxjati meta jsiru il-formalitajiet kollha mehtiega anke mill-konvenuta.

4. Illi ma hemmx lok ghal hatra ta' sekwestratarju gudizzjarju sabiex jiehu l-kustodja ta' dawn l-oggetti galadarba dawn gja' jinsabu ben kustoditi go bank kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi konsegwentement it-tielet talba ghandha tigi michuda ladarba ma hemmx htiega ta' sekwestratarju gudizzjarju.

6. Illi mhux il-kaz li jinhareg mandat *in factum* ghax zgur li ma jezistux l-estremi tal-ligi biex dan jinhareg u, f'kull kaz dan jista' jinhareg biss wara li s-sentenza fuq it-talbiet l-ohra tkun ghaddiet in gudikat u jirrizulta ghal din l-Onorabbli Qorti li dik is-sentenza tkun qed tigi frustrata b'xi agir abuziv tal-eccipjenti u mhux qabel.

7. Illi f'kull kaz il-konvenuta ghandha biss wiehed minn tmienja ta' l-oggetti minnha msemmija u mhux kwart ($^1/_4$) kif minnha ndikat fil-kontro-talba u cjoe' s-sehem indiviz lilha provjenenti mill-wirt ta' missier il-kontendenti.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-atturi ghall-fini tan-nota tal-eccezzjonijiet taghhom ghall-kontro-talba a fol. 29 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta' Ottubru 2000; tat-30 ta' Novembru 2000; tas-16 ta' Jannar 2001; tal-15 ta' Mejju 2001 u tat-12 ta' Lulju 2001;

Rat ir-rikors tal-konvenuta Mariella Borg Magri;

Rat ir-risposta ta' l-atturi;

Rat ir-risposta tal-Perit Tekniku Albert Falzon Santucci;

Rat il-verbal tas-seduti tat-22 ta' Novembru 2001; tal-10 ta' Jannar 2002; tas-7 ta' Frar 2002 u tas-7 ta' Marzu 2002;

Rat in-nota ta' l-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri li biha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2002 fejn Dr Veronica Galea Debono ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar u inghata digriet affidavit tal-konvenuti;

Rat in-nota ta' Mariella Borg Magri li biha ezebiet l-affidavit taghha stess;

Rat il-verbal tas-seduti tal-10 ta' Ottubru 2002 fejn il-konvenuti Benny's Antiques Limited u d-difensur taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. L-atturi rrinunzjaw ghall-mertu tal-kawza. Il-konvenuta rrinunzjat ghall-kontro-talba taghha. Il-partijiet qablu li baqa' biss il-kwistjoni tal-kap tal-ispejjez tal-kawza. Id-difensuri ddikjaraw li fuq il-kap tal-ispejjez m'ghandhomx provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez tac-citazzjoni attrici u tal-kontro-talba ghat-30 ta' April 2003; u tat-30 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop ghal-15 ta' Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi qabel xejn din il-Qorti tirreferi ghall-verbal tat-30 ta' April 2003 fejn d-difensuri prezenti qabblu li l-provi u l-atti li ngabru fil-kawza numru 34 fuq il-lista ta' dak in-nhar ghandhom jghoddu bhala provi ghal din il-kawza wkoll.

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghad-Digriet taghha datat 15 ta' Mejju 2003 moghti fuq rikors tal-konvenuta odjerna datat 21 ta' Mejju 2002 fl-atti tal-kawza fl-isimijiet **"L-Onorevoli Imhallef Dottor Alberto J. Magri et vs Mariella Borg Magri, legalment separata u divorzjata"** (Citaz. Numru 701/00/RCP) u tikkonferma l-istess Digriet in kwantu ghandu effett fuq din il-kawza.
Illi din hija decizjoni limitatata biss ghall-kap tal-ispejjez tac-citazzjoni attrici u tal-kontro-talba tal-konvenuta skond ma jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-10 t'Ottubru 2002.

Illi jigi rilevat li f'dan l-imsemmi verbal l-atturi ssottomettew li l-ispejjez ghandhom jigu allokati lill-konvenuta billi l-iskrittura datata 15 ta' Frar 2001 tammonta ghall-ammissjoni tat-talba attrici. Min-naha taghha l-konvenuta ma taqbilx illi l-ispejjez tal-kawza ghandha tbaghtihom hija ghar-ragunijiet imsemmija fl-affidavit taghha.

Illi in succint il-vertenza odjerna kienet is-segwenti:- l-atturi kienu ko-proprjetarji fi kwoti indaqs bejniethom flimkien ma' ohthom il-konvenuta Mariella Borg Magri ta' effetti mobbli konsistenti f'ghamara, pitturi, porcellana, ceramika, kotba, tapiti, linef u kull xort'ohra ta' *furnishings* u *fittings* li kien hemm fil-fond "Villa Ardenza", Ta' Xbiex provenjenti mill-wirt tal-genituri taghhom. Illi l-atturi allegaw li *ad insaputa* u kontra l-volonta' taghhom, il-konvenuta asportat u approprjat ghaliha, kif ukoll bieghet jew ikkonsenjat taht xi titolu iehor biex tbieghhom ghan-nom taghha lis-socjeta` konvenuta diversi oggetti mobbli appartenenti lill-assi ereditarji.

Illi l-istess atturi allegaw li s-socjeta` konvenuta ddisponiet minn uhud minn dawn l-oggetti favur terzi bi profitt filwaqt li ghad ghandha fil-pussess taghha diversi oggetti mobbli ohra. Illi minhabba li s-socjeta` konvenuta kienet ilha zmien twil tixtri minghand il-konvenuta l-ohra minghajr ma

ndagat il-provenjenza u t-titolu legali tal-istess oggetti hi kienet pussessur *in mala fede* tal-imsemmija oggetti. Illi kwindi nhargu zewg mandati ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti. Il-kawza odjerna saret sabiex il-konvenuta trodd lura l-oggetti skond l-**artikolu 552 tal-Kap.16**; u s-socjeta` konvenuta bhala pussessura *in mala fede* bl-obbligi kontemplati fl-**artikolu 556 u 557 tal-Kap.16**, tigi kkundannata jew trodd lura l-istess oggetti jew thallas lill-atturi il-valur u is-sehem taghhom fl-istess, u t-talbiet ohra konsegwenzjali.

Illi min-naha taghha, is-socjeta` konvenuta, fost ohrajn, sostniet li hi xtrat *in buona fede* minghand Mariella Borg Magri u qatt ma kellha ghalfejn tiddubita t-titolu tal-istess u saret taf bil-pretensjonijiet tal-atturi ferm wara li kienet xtrat dawn l-oggetti.

Illi l-konvenuta Mariella Borg Magri cahdet l-allegazzjonijiet maghmula minn hutha l-atturi tant li min-naha taghha ressqet kontro-talba fis-sens li allegat u ppremettiet li kienu l-atturi li hadu xi oggetti prezzjuzi li kienu jinsabu fl-imsemmija Villa parti mill-wirt tal-genituri u li kienu ghadhom fil-pussess taghhom.

Illi ghal dan ir-rigward l-atturi sostnew li l-oggetti prezzjuzi li nhargu minnhom mill-Villino Ardenza nhargu fuq ordni ta' missierhom tul hajtu u fuq ordni tieghu tpoggew fil-Bank of Valletta f'*safety deposit* biex ma jinsterqux mill-villa peress li hu kien gie rikoverat f'istituzzjoni ghall-anzjani u b'hekk m'ghadhomx fil-pussess taghhom.
Illi fl-affidavit tieghu **l-Onor. Mhallef Albert J. Magri** xehed li missier il-kontendenti miet intestat u b'hekk l-assi ereditarju tieghu ghadda ghand l-ahwa Magri fi kwoti ndaqs ta' kwart kull wiehed. Ommhom halliet testment tal-20 ta' Frar 1998 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius fejn iddisponiet b'titolu partikolari minn xi effetti tal-assi taghha u nnominat bhala eredi universali fi kwoti ugwali lill-erbat ahwa Magri.

Illi huwa xehed li qabel ma' mietet omm il-kontendenti din kienet tabita fil-Villino Ardenza filwaqt li missierhom kien rikoverat f'dar tal-anzjani. Il-konvenuta hadet pussess tal-

fond fejn kienet tabita l-omm u sostna li hi kienet tirrifjuta l-access lill-hutha. Illi l-atturi kienu talbuha biex isir inventarju tal-effetti mobbli fid-dar izda din dejjem irrifjutat. Wara li miet missierhom, fit-2 ta’ April 1990, l-atturi ndunaw li waqt wirja tal-antikwarjat fil-Corinthia Hotel, Attard fejn kien qed isir bejgh ta’ l-oggetti ezebiti kien hemm, skond huma, esposti wkoll effetti mobbili appartenenti lill-assijiet ereditarji tal-genituri taghhom. Sar rapport lill-Pulizija u nhargu zewg mandati ta’ inibizzjoni kontra l-konvenuti. Imbaghad saret il-kawza odjerna.

Illi l-istess attur fix-xhieda tieghu kompla jghid li fil-mori tal-proceduri u wara hafna trattativi fil-15 ta’ Frar 2001 (Dok. “A1” a fol.64 *et seq.* tal-process) giet iffirmata skrittura privata bejn il-kontendenti ahwa Magri fejn, fost affarijiet ohra, qablu li l-effetti mobbili kollha appartenenti lill-assijiet ereditarji tal-genituri taghhom inkluzi dawk formanti parti mid-dokument “A” li gie anness mal-istess skrittura, jigu valutati u divizi bejniethom bl-intervent tal-irkantatur Albert Falzon Santucci, b’dan li l-effetti mobbili elenkati fid-dokument “A” kellhom jigu assenjati lil Mariella Borg Magri. Illi huwa sostna li l-effetti kollha elenkati fid-dokument “A” huma dawk l-effetti appartenenti lill-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti li l-atturi kienu qed jallegaw li gew asportati jew approprjati abbuzivament u illegalment mill-konvenuta u li in parti gew mibjugha lis-socjeta` konvenuta.

Illi l-ftehim milhuq bl-iskrittura jidher li jkopri l-mobbli kollha suggett ta’ din il-kawza u ghalhekk il-mertu huwa ezawrit anke billi bl-assenjazzjoni lill-konvenuta tal-effetti elenkati fil-lista Dok “A”, l-effetti kollha li l-atturi kienu qed jallegaw li ttiehdu mill-konvenuta effettivament regghu dahlu jifformaw parti mill-assijiet ereditarji.

Illi fl-affidavit taghha l-konvenuta **Mariella Borg Magri** fost hafna affarijiet xehdet illi hija ghexet numru ta’ snin il-Kanada u l-genituri taghha talbuha tigi lura Malta. Hi ghamlet ftit zmien tghix maghhom imbaghad marret toqghod ghal rasha. Wara ftit zmien missierha marad u gie rikoverat l-isptar u ommha baqghet tghix wahedha. Ommha talbitha tmur kuljum biex tiehu hsiebha. Hija

qaltilha li hutha kienu hargu xi oggetti prezzjuzi biex ma jinsterqux pero` hi ma kienitx kuntenta b'dan. Ghalkemm ma haditx passi ma rieditx li hutha l-ohra jidhlu fil-villa b'eccezzjoni ta' huhom Renato. Il-konvenuta qalet li ghamlet diversi xhur tiehu hsiebha u hallsitha b'diversi oggetti mobbli mid-dar matrimonjali li kienet tghix fiha.

Illi rigward l-iskrittura tal-15 ta' Frar 2001 u l-lista ta' l-oggetti elenkati f'Dok "A" hija xehdet li ommha kienet taghthomlha bhala hlas kif spjegat. Hija baqghet tinsisti li hija ma ddisponiet minn xejn li kien parti mill-wirt tal-genituri taghhom. Hija ffirmat mhux ghax qablet li l-oggetti elenkati fid-Dok "A" kellhom jigu kkunsidrati bhala parti minn sehemha mill-wirt izda ghax riedet tasal fuq qbil bonarju fuq diversi affarijiet.

Illi hija kompliet li l-ftehim jolqot ukoll il-kontro-talba cioe` l-allegazzjoni li hutha hargu oggetti prezzjuzi minn Villino Ardenza. Meta l-genituri mietu dawn l-oggetti baqghu mohbija minnha u fil-ftehim accettaw li jtuha ottava sehem mill-oggetti tal-fidda. Anki jekk hi qed targumenta li kien imissha aktar minn hekk.

Illi l-atturi qed isostnu li l-ispejjez ghandhom jigu akkollati lill-konvenuta billi l-iskrittura datata 15 ta' Frar 2001 tammonta ghall-ammissjoni tat-talba attrici. Illi in sostenn ta' dan l-attur Onorevoli Imhallef Albert J. Magri fl-affidavit tieghu sostna li f'din l-iskrittura privata l-partijiet *"qablu li l-effetti mobbili kollha appartenenti lill-assijiet ereditarji tal-genituri taghhom inkluzi dawk formanti parti mid-dokument "A" li gie anness mal-istess skrittura, jigu valutati u divizi bejniethom bl-intervent tal-irkantatur Albert Falzon Santucci, b'dan li l-effetti mobbili elenkati fid-dokument "A" anness mal-imsemmija skrittura 'are to be assigned to Mariella Borg Magri as part of her share of the moveable effects forming part of the estates of the late Judge Edaordo and Gladys Magri'."*

Illi l-istess attur xehed li l-effetti msemmija f'Dok "A" assenjati lil Mariella Borg Magri huma, skond hu, l-oggetti li allegatament il-konvenuta kienet asportat jew approprjat ruhha minnhom u li gew mibjugha mis-socjeta` konvenuta

Benny's Antiques Limited. Illi l-istess attur ghalhekk argumenta li ladarba l-konvenuta accettat u ffirmat li tigi assenjata proprju dawk l-effetti, allura din hija ammissjoni *"l-aktar cara u esplicita"* da parti tal-konvenuta Mariella Borg Magri li l-effetti hemm elenkati u assenjati lilha bhala sehemha kienu jappartjenu lill-assijiet imsemmija u li ghalhekk kienet hadithom abbuzivament.

Illi l-konvenuta min-naha taghha tghid li l-fatt li hi ffirmat l-iskrittura tal-15 ta' Frar 2001 dan m'ghamlitux ghax kienet taqbel li l-oggetti elenkati fid-Dok "A" kellhom jigu kkunsidrati bhala parti minn sehemha mill-wirt, izda sempliciment ghax riedet li jaslu fuq qbil bonarju fuq diversi affarijiet. Inoltre' rigward il-kontro-talba fejn allegat li hutha hargu oggetti prezzjuzi minghajr il-kunsens tal-omm, dawn l-oggetti kienu jikkonsistu fil-maggor parti taghhom f'fided, u l-atturi accettaw li jtuha ottava sehem mill-oggetti tal-fidda u skond hi dan wahdu jiggustifika l-kontro-talba taghha.

Illi jinghad pero` li s-sottomissjoni min-naha tal-atturi li l-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici sempliciment ghax iffirmat l-iskrittura datata 15 ta' Frar 2001 u accettat li tigi assenjata l-effetti elenkati f'Dok "A" mhiex wahda li tista' tigi accettata minn din il-Qorti.

Illi dan qed jinghad peress li fl-ewwel lok la fic-citazzjoni attrici u wisq lanqas tul il-proceduri fil-kawza odjerna qatt ma gew identifikati b'mod preciz l-effetti mobbili li skond l-atturi l-konvenuta asportat u approprjat ruhha minnhom illegalment u abbuzivament u li parti minnhom gew mibjugha mis-socjeta` konvenuta.

Illi la darba dan huwa stabbilit isegwi li allura ma jistax jigi argumentat li l-effetti mobbili elenkati f'Dok. "A" a fol.68 *et seq.* tal-process huma l-istess li ffurmaw il-mertu ta' din il-kawza proprju ghax in verita` l-effetti mobbili mertu tal-vertenza odjerna qatt ma gew identifikati. Dan apparti li dan huwa kontradett mill-konvenuta.

Illi la darba kien oneru tal-atturi li jippruvaw l-allegazzjonijiet minnhom vantati fil-konfront tal-konvenuta

u la darba mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-istess atturi ssodisfaw dan l-oneru taghhom ta' prova, allura ma jistax jinghad li ngabet prova sufficjenti li setghet tolqot l-ewwel tlett talbiet attrici diretti lejn il-konvenuta.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li l-konvenuta opponiet l-istess allegazzjonijiet attrici u wkoll xehdet li hija ma hadet l-ebda mobbli b'mod abbisiv u sostniet ukoll li hija zammet xi mobbli peress li dawn kienu moghtija lilha minn omm il-kontendenti Magri u ghalhekk anke f'dan il-kaz jidher li l-provi prodotti mill-partijiet ahwa Magri fuq l-istess mobbli huma konfliggenti.

Illi fit-tieni lok, jinghad li l-ftehim li ntlahaq bejn il-kontendenti ahwa Magri in effetti jikkostitwixxi transazzjoni. Illi din il-Qorti kellha l-opportunita` diversi drabi tippronunzja ruhha dwar dan il-kuncett ta' transazzjoni fosthom fis-sentenza recenti fl-ismijiet **"Trevor Buhagiar et vs Montaldo Insurance Agency pro et noe"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2003 - Cit. Nru 2603/00/RCP) fejn giet ikkwotata *inter alia* d-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Saverio Spiteri vs Giuseppe Azzopardi"** (A.C. 21 ta' Jannar 1928) li kienet spjegat b'mod car it-tifsira tat-transazzjoni meta tenniet:-

*"Atteso che, come trovasi ricordato nella decisione data da questa Corte il 16 aprile 1926 nella causa "Mifsud versus Sacco" (Collez,XXVI.II.101) gli estremi essenziali di una transazione, secondo la definizione dell'articolo 1478, Ordinnza gia' citata, sono una lite che sia per nascere e che si vuol prevenire, ovvero una lite gia' incominciata a cui si pone fine, e una cosa data, promessa o ritenuta tra le parti contraenti. "Due elementi" – cosi' il Ricci, Corso di Diritto Civile, Vol.IX,N.107 – "caratterizzano la transazione e la distinguono da ogni altro contratto. Il primo e' costituito dal dubbio dal quale le parti vogliono uscire, risolvendolo esse stesse, anziche' deferire la decisione al magistrato; il secondo da cio' che i pratici chiamano 'hine inde remissum'. Quest'altro elemento consiste in cio', che ciascuna delle parti deve dare, promettere o ritenere qualche cosa. E' insomma il mutuo sacrificio cui entrambi le parti si assoggettano nello*

*scopo di terminare una lite o di evitarla, quello che costituisce la transazione e le imprime un carattere proprio per il quale va distinta da ogni altra convenzione…”,*

Illi bla ebda dubju l-ftehim imsemmi bejn l-istess ahwa Magri jikkwalifika bhala transazzjoni – ghaliex il-partijiet ahwa Magri qablu fuq il-mertu tal-kawza odjerna u kwindi tterminaw il-vertenza odjerna hlief ghall-ispejjez tal-istess kawza; u inoltre’, johrog car li l-partijiet involuti bhala firmatarji tal-istess skrittura, t-tnejn irrinunzjaw ghat-talbiet rispettivi taghhom u b’hekk necessarjament issagrifikaw xi haga mill-posizzjoni originali taghhom li kienu hadu meta l-kawza giet ipprezentata u bdiet tipprocedi.

Illi ghall-kompletezza jinghad ukoll ghall-grazzja tal-argument li minn imkien ma jirrizulta fl-istess skrittura li l-konvenuta Mariella Borg Magri kienet qed taccetta li tigi assenjata l-effetti mobbili li allegatament approprjat ruhha minnhom. Illi dan apparti li l-interpretazzjoni tal-imsemmija skrittura ta’ transazzjoni ma hijiex il-mertu ta’ din il-kawza.

Illi l-istess jista’ jinghad ghall-argument migjub mill-konvenuta dwar il-kontro-talba fejn qalet li hi giet assenjata ottava mill-fided u qaghdet targumenta li in verita` kien imissha aktar. Ladarba hi ghazlet li tiffirma tali skrittura ta’ transazzjoni allura ma jifdalx lok ghall-aktar spekulazzjoni ghar-raguni ghaliex hija ghazlet li taghmel dan.

Illi fil-fatt il-mertu tal-kawza bejn il-partijiet odjerni huwa ben differenti mill-interpretazzjoni tal-imsemmija skrittura bejn il-partijiet f’din il-kawza ahwa Magri, u d-decizjoni dwar l-ispejjez ghandha tigi limitata ghal dawk li kienu in realta` l-kontenut tal-istess talbiet. *Di piu`* din ma hijiex procedura dwar l-interpretazzjoni tal-istess skrittura ta’ transazzjoni u lanqas ma hija kawza ghall-impunjazzjoni tal-istess skrittura u ghalhekk din il-Qorti tikkonferma dak minnha premess li l-ewwel tlett talbiet attrici ma gewx sostanzjati mill-atturi fil-konfront tal-konvenuta lejn min tali talbiet huma diretti. L-istess jinghad ghad-disa’ talba attrici in kwantu l-istess hija wkoll diretta kontra l-konvenuta.

Illi rigward t-talbiet l-ohra attrici diretti fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Benny Antiques Limited, din il-Qorti thoss li dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati jew sostanzjati u ghalhekk l-atturi ghandhom ibatu l-ispejjez tal-istess.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenuta jidher li din giet diretta biss fil-konfront tal-atturi u s-socjeta` konvenuta ma hija bl-ebda mod involuta fl-istess talbiet.

Illi dwar l-imsemmija kontro-talba l-konvenuta allegat li l-atturi hadu diversi oggetti prezzjuzi minghajr il-kunsens t'ommhom filwaqt li huma sostnew li ghamlu dan fuq talba ta' missierhom u ddepozitaw l-istess f'*safe deposit* go bank.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll f'dan il-kaz li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha huma wkoll kontradetti mix-xhieda prodotta mill-atturi, b'dan li ma jistax jinghad li l-istess konvenuta ppruvat l-allegazzjonijiet minnha vantati fil-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk l-istess spejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu ssportati mill-konvenuta.

Illi ghalhekk in vista tal-premess jirrizulta li l-atturi ghandhom isofru l-ispejjez kollha tal-ewwel tlett talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta u tat-talbiet attrici l-ohra fil-konfront tas-socjeta` konvenuta; filwaqt li l-konvenuta ghandha ssofri l-ispejjez kollha tal-kontro-talba taghha fil-konfront tal-atturi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi fir-rigward tac-citazzjoni attrici,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-istess talbiet attrici *stante* li l-istess atturi rrinunzjaw ghall-effetti tal-istess talbiet attrici fic-citazzjoni minnhom pprezentata u dan  permezz ta' verbal datat 10 ta' Ottubru 2002 u dan anke in vista tat-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet l-

ahwa Magri, limitatament dwar il-kap tal-ispejjez tal-istess citazzjoni attrici, din il-Qorti tordna li l-ispejjez tal-ewwel tlett talbiet attrici diretti kontra l-konvenuta u d-disa' (9) talba attrici diretta wkoll kontra l-konvenuta ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi, filwaqt li l-ispejjez tat-talbiet l-ohra attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ghandhom ukoll jigu sopportati mill-istess atturi.

Illi dwar **il-kontro-talba tal-konvenuta,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha *stante* li l-istess konvenuta rrinunzjat ghall-mertu tal-istess talbiet permezz ta' verbal datat 10 ta' Ottubru 2002, dwar il-kap ta' l-ispejjez tal-istess kontro-talba, din il-Qorti tordna li l-istess spejjez tal-kontro-talba jigu sopportati kollha mill-konvenuta.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------